MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2007

Numru. 708/2001

Il-Pulizija
(Spettur Paul Vassallo)

vs

Louis Camilleri

Il-Qorti ,

Rat li l-imputat, Louis Camilleri ta' 43 sena, iben Saviour u Carmen nee' Abela, mwieled tal-Pieta' fis-6 ta' Ottubru, 1958 u jirresjedi fil-fond 'Hacienda', Triq il-Lunzjata, San Gwann, u detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 651158(M), gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Fil-perjodu ta' bejn is-sena 1991 u Marzu 1998, b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, kienu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u kienu gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda u cioe'

a) f'Marzu 1991, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom u cioe' Mercedes, bin-numru tar-registrazzjoni NAT 92325 (jew RM93852Z) u dan bi ksur ta' l-artikolu 334 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9, tal-Ligijiet ta' Malta.

b) F'Lulju 1991, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom u cioe' Mercedes, bin-numru tar-registrazzjoni SA810155, u dan bi ksur ta' l-artikolu 334 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9, tal-Ligijiet ta' Malta.

c) F'Awissu 1991, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom u cioe' Volkswagen Golf, bin-numru tar-registrazzjoni CE653090, u dan bi ksur ta' l-artikolu 334 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

d) Fi Frar 1992, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom u cioe' Mercedes, bin-numru tar-registrazzjoni TO63966R u dan bi ksur ta' l-artikolu 334 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9, tal-Ligijiet ta' Malta.

e) Fi Frar 1992, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom u cioe' Mercedes, bin-numru tar-registrazzjoni RM52718X u dan bi ksur ta' l-artikolu 334 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9, tal-Ligijiet ta' Malta.

f) F'Mejju 1993, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew

jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom u cioe' Lancia Delta, bin-numru tar-registrazzjoni NAZ78941 u dan bi ksur ta' l-artikolu 334 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9, tal-Ligijiet ta' Malta.

g) F'Lulju 1993, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom u cioe' BMW Z1, bin-numru tar-registrazzjoni CZ540608 u dan bi ksur ta' l-artikolu 334 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9, tal-Ligijiet ta' Malta.

h) Fi Frar 1994, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom u cioe' Mercedes, bin-numru tar-registrazzjoni MI1N8950 u dan bi ksur ta' l-artikolu 334 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9, tal-Ligijiet ta' Malta.

i) F'Lulju 1996, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom u cioe' BMW 520, bin-numru tar-registrazzjoni NAV 34549 u dan bi ksur ta' l-artikolu 334 tal-Kodici Kriminali, Kap 9, tal-Ligijiet ta' Malta.

j) F'Marzu 1998, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom u cioe' BMW 528i, bin-numru tar-registrazzjoni WN-UK245 u dan bi ksur ta' l-artikolu 334 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9, tal-Ligijiet ta' Malta.

k) Fit-13 ta' Marzu 1998, kiser il-kondizzjoni li ma' jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn liema kondizzjoni giet imposta fuqu b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-4 ta' Lulju 1996.

Akkuzat ukoll f'isem il-Kontrollur tad-Dwana talli :

Fit-23 ta' Frar, 2000 u/jew fix-xhur ta' qabel, xjentement, ghin jew kellu x'jaqsam fit-twarrib kontra l-Ligi ta' vettura tal-Marka BMW 528i, bin-numru tar-registrazzjoni WN-UK 245 mill-lok ta' kustodja.  Din l-vettura kienet sottoposta ghas-sigill tad-Dipartiment tad-Dwana.

Din il-vettura ghandha valur ta' LM11,500, dazju xejn u VAT ta' LM1,725 skond kif jidher fin-nota ta' Qbid Nru. 38/2001.

Rat in-Nota ta' l-Avukat Generali tas-26 ta' Jannar, 2005 li permezz taghha deherlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

(a) Fl-artikoli 18, 334 tal-Kodici Kriminali;
(b) Fl-artikoli 80 tal-Att XXIII/98;
(c) Fl-artikoli 10 tal-Kap 152 illum 21 tal-Kap 446;
(d) Fl-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali.

Semghat lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb illi ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti.

Semghat ix-xhieda kollha li gew prodotti.

Rat l-atti ta' din il-kawza, d-dokumenti esebiti u l-atti kollha ta' dan il-procediment.

Semghat it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi dawn huma l-fatti fil-qosor rigwardanti dan il-kaz. Fi Frar tas-sena 2000, il-Pulizija Maltija (ara xhieda ta' l-Ispettur Paul Vassallo a *folio* 19 *et seq* tal-process) giet mitluba minn kumpanija privata ta' nvestigaturi Germaniza sabiex tinzamm vettura tal-marka BMW 528 u bin-numru tar-registrazzjoni WN-UK254 liema vettura kienet tinsab ghand l-agent lokali tal-BMW u dan peress li din il-vettura

kienet giet misapproprijata mill-Germanja. Meta l-Pulizija marru fuq il-post fejn kienet tinstab din il-vettura gew infurmati li din kienet ittiehdet hemm mill-imputat odjern peress li kellha xi hsarat fil-locking system. Il-Pulizija baghtu ghall-imputat sabiex ikellmuh kemm dwar l-imsemmija vettura kif ukoll dwar vettura ohra tal-marka Volkswagen Golf li kellha n-numru tar-registrazzjoni Taljana 5A841265, dwar vettura ohra tal-marka Alfa Spider li kellha n-numru tar-registrazzjoni NAZ 26500 u vettura tal-marka Lancia Delta bin-numru tar-registrazzjoni NAZ 8941 u dan peress li l-Pulizija kellha nformazzjoni li l-imsemmija tlett vetturi kienu misruqin.

Meta l-Pulizija kellmet lill-imputat (ara stqarrija minnu rilaxxjata a *folio* 24 sa 41 tal-process), l-imputat qalilhom li kien xtara il-vettura tal-marka BMW 528 minghand certu Carmine Galeotalanza li huwa Taljan li jghix il-Germanja. Skond l-imputat huwa kien iltaqa’ ma’ l-imputat hdejn Napli u kien lahaq ftehim mieghu sabiex jixtri l-vettura in kwistjoni bil-kundizzjoni li l-vettura tingab hawn Malta minn Galeotalanza u fil-fatt hekk sar.

Waqt li l-Pulizija Maltija kienet qed tkellem lill-imputat gie deciz li ssir tfittxija fir-residenza tieghu f’San Gwann fejn gew elevati xi dokumenti u sett ta’ ritratti f’liema ritratti l-imputat kien jidher jippoza hdejn sensiela vetturi lkoll bin-numri ta’ registrazzjoni barranin. Saret lista ta’ dawn il-vetturi liema lista kienet tikkomprendi tnejn u tletin (32) vettura u din il-lista ntbaghtet l-Italja ghall-verifiki ulterjuri. Mir-risposta li rceviet il-Pulizija Maltija mill-awtoritajiet Taljani, rrizulta li erbatax mill-vetturi fuq din il-lista kienu gew irrapurtati misruqin. Fl-istqarrija minnu rilaxxjata l-imputat dwar dawn il-vetturi li kienu jidhru fir-ritratti spjega li huwa kien habib ma’ persuna ta’ nazzjonalita’ Libjana, certu Kajsassi u dan ta’ l-ahhar kien jibghatlu xi vetturi hawn Malta sabiex huwa jiehu hsieb il-*paperwork* necessarju u mbaghad il-vetturi jintbaghtu l-Libja u l-Afrika ta’ Fuq. Ta’ dan ix-xoghol l-imputat qal li kien jithallas LM200 (mitejn lira Maltin) ghal kull vettura. Fuq l-imsemmija lista ta’ vetturi kien hemm ukoll imnizzel vettura tal-marka BMW 520 (*chassis number* WBAHB51030BD41163). Din il-vettura kienet giet

irrapurtata nieqsa f’Avellino fil-5 ta’ Settembru, 1997 izda minn indagini li ghamlet il-Pulizija Maltija fir-rigward, irrizulta li din il-vettura kienet ingabet hawn Malta fl-24 ta’ Lulju, 1997, kienet registrata fuq certu Mohammed Bin Kafu li kien xtara l-imsemmija vettura minghand l-imputat, hadha l-Libja, irregistraha hemmhekk u rega’ rritorna biha Malta.

Ikkunsidrat:

Illi fil-kaz odjern l-imputat jinsab akkuzat li f’dati differenti bejn is-sena 1991 u s-sena 1998 xjentement laqa’ ghandu jew xtara diversi vetturi u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Dawn il-vetturi huma msemmija fl-akkuzi mmarkati bhala (a) sa (f) fic-*charge sheet*. Dawn il-vetturi ser jigu kkunsidrati individwalment mill-Qorti stante li l-fatti u anki certu konsiderazzjonijiet ta’ natura legali huma differenti u ghalhekk ikun aktar opportun li jigu kkunsidrati separatament.

Permezz ta’ l-akkuza immarkata jew senjalata bl-ittra (a) l-imputat gie akkuzat hekk:

“F’Marzu 1991 xjentement lqajt ghandek jew xtrajt hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b’kull mod li jkun, indhalt biex ibieghhom jew tmexxihom u cioe’ Mercedes, bin-numru tar-registrazzjoni NAT 92325 (jew RM93852Z) u dan bi ksur ta’ l-artikolu 334 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9, tal-Ligijiet ta’ Malta.”

L-imputat ghalhekk jinsab akkuzat bir-ricettazzjoni f’Marzu, 2000 tal-vettura tal-marka Mercedes bin-numru tar-ricettazzjoni NAT 92325 jew RM 93852Z. Issa mill-atti ta’ dan il-procediment, u senjatament mid-dokument esebit a *folio* 266 tal-process, jirrizulta li l-imsemmija vettura giet irrapurtata misruqa fit-18 ta’ April, 1991.

Dwar ir-reat ta’ ricettazzjoni kontemplat fl-Artikolu 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta il-Qorti taghmel referenza ghal dak li qalet il-Qorti ta’ l-Appell (sede inferjuri) f’sentenza tal-25 ta’ Ottubru, 2002 fil-kawza fl-ismijiet ‘Il-Pulizija vs

Giovanni sive John Grima’ dwar l-elementi ta’ l-imsemmi reat ta’ ricettazzjoni u cioe:-

“L-element materjali tar-reat ta’ ricettazzjoni jikkonsisti mhux biss billi l-agent kien laqa’ ghandu, xtara jew indahal biex ibiegh jew imexxi xi oggett (hu x’inhu dak l-oggett), izda wkoll illi dak l-oggett kien effettivament misruq dwar hwejjeg akkwistati, miksub b’qerq jew akkwista b’xi wiehed mirr-eati jew mizmuma kontra l-ligi (u tali serq, akkwist b’qerq jew akkwist iehor illecitu irid ikun sar minn persuna ohra, cioe’ mhux mill-istess persuna li qed tigi akkuzata bir-ricettazzjoni.”

Fl-imsemmija sentenza, il-Qorti ta’ l-Appell iccitat bran tal-gurista Francesco Antolisei dwar l-Artikolu 648 tal-Kodici Penali Taljan, liema Artikolu huwa simili hafna ghall-Artikolu 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta liema bran huwa s-segwenti:-

*“Poiche oggetto materiale della ricettazione devono essere denaro o, in genere, cose di provenienza criminosa, il reato presuppone l’esistenza di un altro reato: presuppone, cioe, che un altro reato sia stato commesso in precedenza ….. Naturalmente il delitto anteriore deve essere effettivamente avvenuto: se fosse inesistente o simulato (si pensi al venditore della cosa che, per giustificare il basso prezzo, affermi falsamente che essa proviene da un furto), saremmo in presenza di una ricettazione putativa e, quindi, non punibile. Per iniziare il procedimento per ricettazione, non si richiede che il delitto anteriore sia stato accertato giudizialmente con sentenza passata in guidicato … (ma) la condanna per ricettazione non puo’ aver luogo, se prima non e’ stato riconosciuto esistente, nei suoi elementi essenziali, il delitto presupposto, anche se di questo non sia stato accertato l’autore. Ove si tratti di delitto perseguibile a querela di parte.. a nulla rileva la mancata presentazione della querela, perche’ questa e’ una semplice condizione di procedibilita. Del pari, la ricettazione puo’ sussistere anche se l’autore del delitto precedente non sia punibile per difetto di imputabilita’ o per un’altra causa soggettiva di esclusione della pena …. Infine, la ricettazione non*

*viene meno neppure quando il delitto, che ne e' il presupposto, sia estinto. (Antolisei, F.,* ***Manuale di Diritto Penale*** *– Parte Speciale I, Giuffre' (Milano)*, 1986, pp. 358, 359).

Il-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz kellha ghalhekk tipprova li l-Mercedes bin-numru tar-registrazzjoni NAT 92325 (jew RM 93852Z) kienet insterqet, jew giet akkwistata b'qerq jew kontra l-ligi minn xi hadd iehor qabel ma' din giet f'idejn l-imputat. Kif diga' ntqal aktar il-fuq, mill-atti jirrizulta li din il-vettura giet irrapurtata misruqa fit-18 ta' April, 1991 meta l-imputat qed jigi akkuzat li laqaghha ghandu f'Marzu, 2001, u cioe' wara ma din giet misruqa. Il-Prosekuzzjoni ghalhekk naqset milli tipprova li kien hemm *il delitto anteriore* li jsemmi Antolisei ghaliex l-unika prova li ngabet mill-Prosekuzzjoni huwa dokument li jindika li l-vettura in kwistjoni nsterqet f'data sussegwenti ghad-data li fiha l-imputat qed jigi akkuzat li laqa' ghandu l-oggett allegatament misruq.

L-akkuza (a) ghalhekk ma tirrizultax pruvata u l-imputat qed jigi liberat mill-istess akkuza.

Permezz ta' l-akkuza (b) l-imputat qed jigi akkuzat bir-ricettazzjoni f'Lulju, 1991 tal-vettura Mercedes bin-numru tar-registrazzjoni SA810155. Mid-dokument esebit a *folio* 203 tal-process jirrizulta li din il-vettura giet irrapurtata misruqa fil-5 ta' Marzu, 1992, u cioe' f'data sussegwenti ghad-data li fiha l-imputat qed jigi akkuzat li laqa' l-imsemmija vettura. Fil-kaz ta' din l-akkuza wkoll jista' jinghad li l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova ir-*reato antecedente* u ghalhekk l-imputat sejjer ukoll jigi liberat minn din l-akkuza.

L-istess konsiderazzjonijiet u konkluzjonijiet japplikaw ghall-akkuzi mmarkati bhala (d), (e), (f), (g), (h) u (i) fis-sens illi mill-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni fil-kaz ta' dawn l-akkuzi kollha rrizulta li r-reat ta' ricettazzjoni li bih l-imputat qed jigi akkuzat f'kull wahda minn dawn l-akkuzi sar f'data qabel ir-reat ta' serq, u cioe' ir-reato anteriore huwa fil-fatt posteriore u ghalhekk ghal kull wahda minn dawn l-akkuzi hemm nieqes wiehed mill-elementi

necessarji sabiex jissussisti r-reat ta’ ricettazzjoni li bih qed jigi akkuzat l-imputat f’kull wahda mill-imsemmija akkuzi. Fl-akkuza (d) l-imputat qed jigi akkuzat li laqa’ ghandu hwejjeg misruqa (vettura tal-marka Mercedes bin-numru tar-registrazzjoni TO63966R) fi Frar 1992 meta mill-provi rrizulta li din il-vettura giet irrapurtata fit-3 ta’ Marzu, 1992 (ara dokument a *folio* 277 tal-process). Fl-akkuza (f) l-imputat qed jigi akkuzat li f’Mejju 1993 huwa laqa’ ghandu hwejjeg misruqa (vettura tal-marka Lancia Delta bin-numru tar-registrazzjoni NAZ 78941) u mill-atti jirrizulta li din il-vettura giet irrapurtata misruqa fl-14 ta’ April, 1995 (ara dokument a *folio* 203 tal-process). Fl-akkuza (e) l-imputat qed jigi akkuzat li fi Frar 1992 laqa’ ghandu hwejjeg misruqa (vettura tal-marka Mercedes bin-numru tar-registrazzjoni RM52718X) meta mill-atti , u senjatament mid-dokument esebit a *folio* 284 tal-process jirrizulta li vettura b’din it-targa giet demolita fit-28 ta’ Dicembru, 2000. Permezz ta’ l-akkuza (g) l-imputat qed jigi akkuzat li f’Lulju, 1993, l-imputat laqa’ ghandu hwejjeg misruqa (vettura bin-numru tar-registrazzjoni CZ 540608 tal-marka BMW Z1) meta mill-atti jirrizulta li din il-vettura giet irrapurtata misruqa fid-9 ta’ Ottubru, 1993 (ara dokument a *folio* 289A tal-process). Permezz ta’ l-akkuza (h) l-imputat gie akkuzat li fi Frar, 1994 huwa laqa’ ghandu hwejjeg misruqa (vettura tal-marka Mercedes bin-numru tar-registrazzjoni MI1N 8950 meta mid-dokument esebit a *folio* 294A tal-process jirrizulta li din il-vettura giet irrapurtata misruqa fit-2 ta’ Marzu, 1998. Permezz ta’ l-akkuza (i) l-imputat gie akkuzat li f’Lulju, 1996 huwa laqa’ ghandu hwejjeg misruqa (vettura tal-marka BMW 520 bin-numru tar-registrazzjoni NAV 34549) meta mid-dokument esebit a *folio* 203 tal-process jirrizulta li din il-vettura giet irrapurtata misruqa  fil-5 ta’ Settembru, 1997.

Ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija l-imputat ma jistghax jinstab hati ta’ l-akkuzi appena msemmija u cioe’ (a), (b), (d), (e), (f), (g), (h) u (i) u minnhom huwa qed jigi liberat.

In kwantu jirrigwarda l-akkuza (c) l-imputat qed jigi akkuzat li f’Awissu 1991 huwa xjentament laqa’ ghandu il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni CE653090 tal-marka Volkswagen Golf. F’dan il-kaz mill-atti, u senjatament mid-

dokument esebit a *folio* 271 tal-process jirrizulta li din il-vettura giet irrapurtata misruqa fis-17 ta’ Lulju, 1991 u cioe’ din id-darba qabel id-data ta’ l-allegata ricettazzjoni. Wara li ezaminat bir-reqqa l-atti processwali, izda, din il-Qorti jidrilha li l-Prosekuzzjoni bl-ebda mod ma rnexxielha tipprova li l-imputat xjentament laqa’ din il-vettura ghandu, u cioe’ l-imputat kien a konoxxenza tal-provenjenza illecita ta’ l-imsemmija vettura.

Illi in kwantu jirrigwarda l-akkuza (j) fejn l-imputat gie akkuzat li f’Marzu 1998 xjentament laqa’ ghandu hwejjeg misruqa, gew mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat jew indahal biex ibieghhom u cioe’ il-vettura tal-marka BMW 528 bin-numru tar-registrazzjoni WN-UK 245, lanqas fuq din l-akkuza ma jista’ jinghad li l-Prosekuzzjoni rrnexxielha tipprova sal-grad rikjest mill-ligi fil-kamp kriminali li l-imputat wettaq dan ir-reat ta’ ricettazzjoni tal-vettura in kwistjoni. Fil-kaz ta’ din il-vettura xehed Dr Conrad Portanier fis-seduta tal-31 ta’ Mejju, 2002 ( a *folio* 43 u 44 tal-process) izda mix-xhieda tieghu bl-ebda mod ma jista’ jinghad li rrizulta li kien sar xi reat qabel id-data li fiha l-imputat gie fil-pussess tal-vettura. Dan ix-xhud qalilna biss li li kien sar kuntratt ta’ leasing bejn is-socjeta’ Tedeska BMW Leasing Gmbn u certu Galeotalanza (u cioe’ il-persuna li skond l-istqarrija) tieghu l-imputat jghid li xtara il-vettura minghandha) rigwardanti il-vettura BMW 528 bin-numru tar-registrazzjoni WN-UK 245, liema kuntratt gie terminat f’Marzu 2001. Ma ngabet ebda prova li kien hemm xi reat qabel, jew li l-imputat kien a konoxxenza ta’ l-allegata provenjenza illecita ta’ l-imsemmija vettura jew li tali provenjenza kinet fil-fatt illecita. Ghalhekk lanqas din l-akkuza ma tista’ tinghad li giet pruvata sal-grad rikjest mill-ligi.

Il-Qorti jidrilha li lanqas l-ahhar akkuza, u cioe’ dik li mhux immarkata bl-ebda ittra jew numru fejn f’isem il-Kontrollur tad-Dwana l-imputat qed jigi akkuzat talli fit-23 ta’ Frar, 2000 jew fix-xhur ta’ qabel huwa xjentement ghen jew kellu x’jaqsam fit-twarrib kontra l-ligi tal-vettura tal-marka BMW 528, bin-numru tar-registrazzjoni WN-UK 245 mill-lok tal-kustodja, ma tistax b’xi mod titqies li giet pruvata. Fl-ewwel lok irid jinghad li ma gietx pprezentata ebda

*letter to prosecute* mill-Kontrollur tad-Dwana meta l-akkuza in dizaminha tindika li l-istess akkuza qed tinhareg f'isem il-Kontrollur tad-Dwana. Inoltre ma ngabet ebda prova tramite xi rapprezentant tad-Dipartiment tad-Dwana jew tal-Kontrollur tad-Dwana li l-imsemmija vettura kienet fil-kustodja tal-Kontrollur tad-Dwana, li din kellha xi sigilli jew li din twarrbet minghajr il-kunsens tal-Kontrollur, kif hemm indikat fl-akkuza. L-imputat ghalhekk lanqas ma jista' jinstab hati ta' din l-akkuza.

Fl-ahhar nett jibqa l-akkuza (k) li tirrigwarda ksur ta' kundizzjoni imposta fuq l-imputat permezz ta' sentenza ta' din il-Qorti ta' l-4 ta' Lulju, 1996. Apparti l-fatt li kopja ta' l-imsemmija sentenza ma gietx esebita mill-Prosekuzzjoni, u ghalhekk ma ngabitx prova li kienet giet moghtija sentenza fil-konfronti ta' l-imputat jew li giet imposta xi kundizzjoni, una volta li l-imputat mhux qed jinsab hati ta' l-akkuzi l-ohra migjuba fil-konfronti tieghu, ovvjament huwa jrid ukoll jigi dikjarat mhux hati ta' l-akkuza in dizamina.

Ghaldaqstant, il-Qorti filwaqt li tiddikjara lill-imputat mhux hati ta' l-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu tilliberah mill-istess akkuzi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------